**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**24 ta' Settembru 2021**

**Rikors Numru 29/2021**

**Raymond Gatt**

**Vs**

**Malta Resources Authority**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Raymond Gatt** ippreżentat fit-13 ta' April 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponenti ġie notifikat b'ittra uffiċjali datata 25 ta' Marzu 2021, fl-ismijiet inversi (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bħala Dok. RG) li permezz tagħha ġie mitlub iħallas is-somma ta' sitt elef u disgħa mija u tmienja u tmenin ewro u għaxar ċenteżmi (€6,988.10) bħala likwidazzjoni finali u konklussiva rappreżentanti ħlas tal-arretrati ta' drittijiet tal-liċenzja QHG10 to quarry and, or sell stone mis-sena 2012 sas-sena 2021;*

2. *Illi din l-ittra uffiċjali saret mill-Malta Resources Authority għal-fini ta' u bil-mod maħsub fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant l-esponenti qiegħed jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu għall-istess ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi l-pretensjoni tal-Malta Resources Authority hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi jirriżulta li l-esponenti fl-24 ta' Ottubru 2020, għamel pagament ta' tlett elef, tminn mija u tlieta u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€3843.50) bi trasferiment bankarju fejn l-esponenti għamilha ċara fil-payment details li dan il-pagament jirrigwarda l-ħlas tal-liċenzji bejn is-sena 2016 u s-sena 2020, u dan hekk kif jidher ċar mill-bank statement hawn anness u mmarkat Dok. RG1, u liema ħlas ġie aċċettat mill-Awtorita' intimata, hekk kif konfermat mill-irċevuta tal-MRA hawn annessa u mmarkata Dok. RG2;*

5. *Illi jirriżulta li l-esponenti fit-12 ta' Jannar 2021, għamel pagament ieħor ta' seba' mija, tmienja u sittin ewro u sebgħin ċenteżmu (€768.70) bi trasferiment bankkarju ieħor fejn l-esponenti kiteb fil-payment details li dan il-pagament huwa għall-ħlas tal-liċenzja għas-sena 2021, u dan hekk kif jidher ċar mill-bank statement hawn anness u mmarkat Dok. RG3, u liema ħlas ġie aċċettat mill-Awtorita' intimata, hekk kif konfermat mill-irċevuta tal-MRA hawn annessa u mmarkata Dok. RG 4;*

6. *Illi l-Awtorita' intimata b'mod arbitrarju u vessatorju akkolat dawn il-pagamenti magħmula mill-esponenti bħala ħlas ta' liċenzji tas-snin preċedenti hekk kif jidher ferm ċar fl-annex mibgħut mill-Awtorita' intimata fit-8 ta' Marzu 2021, hawn anness u mmarkat Dok. RG5 u marret kontra l-istruzzjonijiet ċari tar-rikorrenti;*

7. *Illi l-Awtorita' intimata qiegħda issa titlob ħlas tal-imsemmija arretrati billi tathom id-dehra ta' penali amministrattivi, meta fir-realta dawn m'humiex għajr ammonti dovuti bħala liċenzji;*

8. *Illi fir-rigward tal-ħlas ta' liċenzji tas-sena 2007 sas-sena 2015, l-azzjoni hija preskritta stante li għaddew aktar minn ħames (5) snin u dan a tenur tal-Artikolu 2156(g) tal-Kodiċi Ċivili.*

9. *Illi kontestwalment ma dan ir-rikors l-esponenti qiegħed ukoll jippresenta ċedola ta'depositu għas-somma kollha mitluba sabiex jeżimi ruħu ai termini tal-Liġi liema somma tkun tista tiġi meħuda minn min jkollu dritt wara li dawn il-proċeduri jkunu dikjarati res judicata.*

10. *Illi dan kollu r-rikorrenti jafu di xjenzja proprja u qed jirriserva d-drittijiet tiegħu għall-proċeduri ulterjuri kontra l-istess Awtorita*

***Għaldaqstant l-esponenti umilment u bil-qima jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:***

1. ***Tiddikjara li t-talba tal-Malta Resources Authority, kif dedotta hawn fuq premessa bħala infondata fil-fatt u fid-dritt;***
2. ***Tiddikjara il oltre li l-aġir tal-istess Malta Resources Authority huwa wieħed arbitrarju u abbusiv;***
3. ***Tirrevoka u tħassar l-effetti kollha tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet inversi ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."***

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi** ippreżentata fl-4 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

"

(1) *Illi preliminarjament, dan it-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni u kompetenza biex jieħu konjizzjoni tal-oppożizzjoni magħmula mir-rikorrenti permezz tal-appell tiegħu, meta din l-oppożizzjoni suppost saret ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi dak is-subartikolu jeħtieġ li kjarament l-oppożizzjoni għandha ssir permezz ta' rikors quddiem il-Qorti kompetenti, li f'dan il-każ huwa l-Qorti tal-Maġistrati Għawdex:*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

(2) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost m'huwiex minnu li l-Awtorità intimata għamlet talba għal ħlas tal-arretrati dovuti mir-rikorrent billi tathom id-dehra ta' penali amministrattivi. Illi kemm fl-ittra uffiċjai 212/21 kif ukoll fid-dikjarazzjoni annessa magħha ma ssemma imkien u bl-ebda mod ma saret referenza għal dawn l-ammonti dovuti ħlief bħala arretrati dovuti mir-rikorrent għar-rigward tal-liċenzja QHG10;*

(3) *Illi bir-rispett kollu, għar-raġunijiet suesposti, dan l-Onorabbli Tribunal ma għandux kompetenza li jiddeċiedi dwar l-allegata preskrizzjoni, u li f'kull każ mingħajr preġudizzju għal premess, minħabba l-fatt li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija ta' natura preliminari, jekk ir-rikorrenti qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni, sta għalih li jressaq il-provi f'dan ir-rigward.*

(4) *Illi għar-rigward l-asserzjoni tar-rikorrenti li jgħid li l-ammont ma huwiex dovut, qiegħed jingħad bi tweġiba li l-ammont rikjamat mill-Awtorità intimata huwa ammont dovut mill-istess rikorrenti u dana ai termini ta' dak li tipprovdi l-liġi senjatament l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġjiet ta' Malta li jagħti d-dritt lill-Awtorità li tipproċedi billi jibgħat ittra uffiċjali sabiex 'jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi ……għal dritt ta' xi liċenzja.' Illi fil-każ odjern, il-liċenzja mertu ta' din il-kawża hija waħda relatata mal-ħlas tal-arretrati ta' drittijiet ta' liċenzja QHG10 – fmis-sena 2012 sas-sena 2021. Illi l-Awtorità esponenti, wara li interpellat lir-rikorrent diversi drabi, ipproċediet bl-imsemmija ittra uffiċjali ai termini ta' dak li l-liġi titlob. Illi l-Awtorità tikkonferma l-korrispondenza li fil-fatt kien hemm, u tirriserva li tippreżenta kull dokumentazzjoni oħra fil-mori tat-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

(5) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tal-Awtorità intimata hija fondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, kif se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, u li huma pjuttost il-pretensjonijiet esposti fir-rikors tar-rikorrenti li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra u, jiġi rilevat li l-proċedura li esegwit l-Awtorità esponenti hija waħda li permezz tagħha l-esponenti:*

*i. għandha effett daqslikieku hi ġudikat tal-Qorti kompetenti;*

*ii. hi waħda leġittima li saret ai termini ta' dak li jitlob l-istess artikolu;*

*iii. ma hemm l-ebda bażi li fuqha t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa billi r-rikorrenti ma għandu ebda bażi legali li fuqha jista' jikkontesta t-talba tal-esponenti;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li t-talba tal-appellanti għandha tiġi miċħudha għar-raġunijiet imsemmija, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti."*

Ra illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha l-Awtorita` intimata eċċepiet li dan it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni u kompetenza biex jieħu konjizzjoni tal-opposizzjoni magħmula mir-rikorrent stante li l-istess opposizzjoni suppost saret ai termini tal-artikolu 466 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra illi għalhekk ġie ordnat li l-ewwel u qabel kollox tiġi trattata u deċiża l-istess eċċezzjoni;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors ġie differit għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent intavola dawn il-proċeduri wara li ġie notifikat b'ittra uffiċjali ippreżentata fil-25 ta' Marzu 2021 u li permezz tagħha ġie interpellat sabiex iħallas is-somma ta' sitt elef, disa' mija tmienja u tmenin ewro u għaxar ċenteżmi (€6,988.10) rappreżentanti likwidazzjoni finali ta' arretrati ta' drittijiet ta' liċenzja *"to quarry and, or sell Stone mis-sena 2012 sas-sena 2021".*[1]

Illi minn eżami tal-istess ittra uffiċjali jirriżulta li din saret ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu fis-subinċiż (1) tiegħu jgħid testwalment is-segwenti:-

*"(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jewb'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew li lxi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull **servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti**, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut."*

Illi kemm fir-rikors promutur u kif ukoll fit-trattazzjoni orali, ir-rikorrent isostni illi dan it-Tribunal huwa l-forum kompetenti biex jitratta din il-lanjanza *siccome*` dak reklamat mill-Awtorita` intimata huma ħlasijiet għal liċenzji mentri l-Awtorita` tathom id-dehra ta' penali amministrattivi.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, minn dak li jirriżulta mill-atti, dak li qiegħda titlob l-Awtorita` intimata huma arretrati ta' ħlas ta' liċenzji u mhux penali amministrattivi. Imma anke kieku stess dawn kienu penali, l-Awtorita` intimata

[1] Dokument RG1 a fol. 4

xorta setgħet tipproċedi kif ipproċediet ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12. Kwindi it-Tribunal ma jsib xejn proċeduralment irregolari fl-intavolar tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġjiet ta' Malta.

Illi għalhekk, tenut kont li fl-imsemmija ittra uffiċjali kien hemm indikazzjoni ċarissima li l-istess ittra uffiċjali kienet qiegħda tiġi intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, ir-rikorrent, jekk ried jikkontesta l-istess ittra uffiċjali ried jimxi ai termini tal-artikolu 466 (2) tal-Kapitolu 12, u cioe` billi, fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali u l-anessa dikjarazzjoni ġuramentata, jopponi għat-talba tal-Awtorita` intimata billi jippreżenta rikors li fih jitlob "lill-Qorti" tiddikjara t-talba bħala waħda infondata. Illi ċertament dan it-Tribunal mhux "il-Qorti" li għalih qiegħda ssir referenza fl-imsemmi sub-inċiż.

Għaldaqstant il-forum kompetenti hija l-Qorti tal-Maġistrati u mhux dan it-Tribunal li l-kompetenza tiegħu hija waħda limitata u temani minn artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta.

In vista tal-emendi li daħlu in vigore fil-15 ta' Frar 2016 permezz tal-Att IV tal-2016, permezz ta' digriet separat it-Tribunal se jagħmel dak mitlub minnu ai termini tal-*proviso* ta' artikolu 741 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:-

*"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża."*

Għaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal qiegħed jiddikjara ruħu inkompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti u għaldaqstant jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata, permezz ta' digriet in camera mogħti llum stess se jkun qiegħed jordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**